Nru./No. 18,864
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 3 ta' Frar, 2012
Friday, 3rd February, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1141 - 1144
Government Notices ..... *1141 - 1144*

Avviż tal-Pulizija ..... 1145 - 1146
Police Notice ..... *1145 - 1146*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1147 - 1174
Employment Opportunities ..... *1147 - 1174*

Avviżi tal-Gvern ..... 1174 - 1188
Notices ..... *1174 - 1188*

Offerti ..... 1188 - 1231
Tenders ..... *1188 - 1231*

Avviżi tal-Qorti ..... 1232 - 1240
Court Notices ..... *1232 - 1240*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 105

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. I tal-2012 imsejjaħ l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

It-3 ta' Frar, 2012

Nru. 106

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-3 ta' Frar, 2012
(File No. L336/2011)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Skont l-artikolu 8 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fir-Rabat, Malta:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,146 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa, mill-Punent ma' proprjetà tal-Knisja u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern ta' Malta.

L-artijiet hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. 2011_1088, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-18 ta' Jannar, 2012

GOVERNMENT NOTICES

No. 105

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. I of 2012 entitled the Social Security (Amendment) Act, 2012.

3rd February, 2012

No. 106

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

3rd February, 2012

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

In accordance with section 8 (1) of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) I hereby declare that the undermentioned land should be assessed with the intention of possibly being acquired for a public purpose.

Description of the Land

The following land at Rabat, Malta:-

A plot of land of the area of around 1,146 square metres, bounded on the North by property of unknown owners, on the West by Church property and on the South East by property of the Government of Malta.

The abovementioned lands are shown marked with the colour red on plan P.D. 2011_1088, which may be viewed on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

18th January, 2012

Nru. 107

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRIM Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmi hawn taħt għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

Logutenent Stephen Spiteri Staines 8 ta' Jannar, 2012

L-1 ta' Frar, 2012
OPM/548/1965/3

No. 107

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the under mentioned to the rank of Captain with effect from the date shown against his name.

Lieutenant Stephen Spiteri Staines 8th January, 2012

1st February, 2012

Nru. 108

***WARRANT* MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA**

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija, bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Is-Sur Victor Camilleri
Is-Sur VDavid Mansfield
Dott. Joseph Pirotta
Dott. Joseph Cassar
Is-Sur VVictor Grech
Dott. Nikola Soukmandjiev

Pulizija
Is-Supt. Carmel Bartolo
L-Ipettur Nazzareno Grixti
WPC 106 Rita Sultana
Is-Supt. Sharon Tanti.

Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità
Is-Snja. Graziella Attard
Is-Sur VConrad Borg
Is-Sur VJoseph Borg
Is-Snja. Helen Calleja
Is-Snja. Tania Desira
Is-Sur Henry Grixti
Is-Sur Alistair Lowell
Is-Sur Aldo Magro
Is-Snja. Rachel Mercieca
Is-Sur Paul Micallef
Is-Sur Clive Muscat
Is-Sur John Scerri
Is-Sur Paul Spiteri

No. 108

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr Victor Camilleri
Mr David Mansfield
Dr Joseph Pirotta
Dr Joseph Cassar
Mr Victor Grech
Dr Nikola Soukmandjiev

Police
Supt. Carmel Bartolo
Inspector Nazzareno Grixti
WPC 106 Rita Sultana
Supt. Sharon Tanti

Ministry for Health, the Elderly and Community Care
Ms Graziella Attard
Mr Conrad Borg
Mr Joseph Borg
Ms Helen Calleja
Ms Tania Desira
Mr Henry Grixti
Mr Alistair Lowell
Mr Aldo Magro
Ms Rachel Mercieca
Mr Paul Micallef
Mr Clive Muscat
Mr John Scerri
Mr Paul Spiteri

Dipartiment Proprjetà tal-Gvern
Is-Sur Lorry Apap
Is-Snja. Frances Saliba

Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Nies Barranin
Is-Snja. Nadia Cauchi
Dott. Mariella Grech
Is-Sur Joseph Mizzi
Is-Snja. Maria Dolores Portelli
Is-Sur Richard Scotto
Is-Sur Mark Sultana

B'Awtorità

Christopher Said
Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubbliku u l-Familja

It-30 ta' Jannar, 2012
(MJHA/144/2003/X)

Nru. 109

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali
Avviż skont Artikolu 8(5) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007)

L-APPLIKAZZJONI hawn taħt imsemmija teħtieġ stima ta' l-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, Floriana, waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku hu mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar materji li jkun jixtieq li jiġu nklużi fl-iStima tal-Impatt Ambjentali. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sa tliet (3) ġimgħat mid-data ta' dan l-avviz. Aktar informazzjoni tinsab fuq il-*website* tal- Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main). Sottomissjonijiet jintlaqgħu wkoll fuq: (eiamalta@mepa.org.mt).

Razzett tal-Bhejjem PA 5062/08
Sit f'Triq San Leonardu,
Xgħajra

Government Property Department
Mr Lorry Apap
Ms Frances Saliba

Department of Citizenship and Expatriate Affairs
Ms Nadia Cauchi
Dr Mariella Grech
Mr Joseph Mizzi
Ms Maria Dolores Portelli
Mr Richard Scotto
Mr Mark Sultana

By Authority

Christopher Said
Ministry for Justice, Dialogue and the Family

30th January, 2012

No. 109

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Application that Requires an Environmental Impact Assessment
Notice in accordance with Article 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. Copies of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana.

The public is advised to submit in writing to the Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana, any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority within three (3) weeks from this notice via mail or via e-mail on: (eiamalta@mepa.org.mt). More information can be obtained from the MEPA website: (http://www.mepa.org.mt/permitting-ea-main).

Proposta sabiex jiġi sanzjonat bini u l-konverżjoni tiegħu f'Razzett tat-tiġieġ tas-simna, xogħlijiet jinkludu tibdil u estensjoni.

Is-Sur Michael Axisa

Site - Animal Farm Triq San Leonardu, Xgħajra	PA 5062/08	To sanction the existing building and convert to a broiler fattening farm, including alterations and extension. Mr Michael Axisa

It-3 ta' Frar, 2012

3rd February, 2012

Nru. 110

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
688	Ilwien Triq iż-Żebbuġa, Il-Gudja	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	24/01/2012

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

No. 110

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

It-3 ta' Frar, 2012

3rd February, 2012

Nru. 111

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
3. 02. 2012	€42.927	€0.853

It-3 ta' Frar, 2012

No. 111

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

3rd February, 2012

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar l-Erbgħa, it-8 ta' Frar 2012 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Santa Luċija, San Pawl, Sant'Ursola, San Kristofru, San Nikola u l-Mediterran.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, San Ġwann, il-Merkanti, Melita, San Pawl, San Kristofru u l-Mediterran bejn il-Lvant u Xatt il-Barriera.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq il-Mediterran bejn Xatt il-Barriera u Pjazza Evans.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Mediterran.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Xatt il-Barriera minn ħdejn ir-*roundabout* Ta' Liesse.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mit-3.00 p.m. 'il quddiem fil-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Nhar il-Ħamis, id-9 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. minn Triq Ġirolamu Cassar.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Frar 2012 mill-5.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: it-Teatru l-Qadim, San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, Felič, San Kristofru u Melita.

POLICE NOTICE

No. 5

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Wednesday, 8th February 2012 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: ir-Repubblika, Santa Luċija, San Pawl, Sant'Ursola, San Kristofru, San Nikola and il-Mediterran.

On Thursday, 9th February 2012 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: ir-Repubblika, San Ġwann, il-Merkanti, Melita, San Pawl, San Kristofru and il-Mediterran between il-Lvant and Barriera Wharf.

On Thursday, 9th February 2012 from 5.00 a.m. onwards through Triq il-Mediterran between Barriera Wharf and Pjazza Evans.

On Thursday, 9th February 2012 from 1.00 p.m. onwards through Triq il-Mediterran.

On Thursday, 9th February 2012 from 1.00 p.m. onwards through Barriera Wharf from Ta' Liesse roundabout.

On Thursday, 9th February 2012 from 3.00 p.m. onwards at the Central Bank Parking Area.

On Thursday, 9th February 2012 from 5.00 p.m. onwards through Triq San Pawl.

On Thursday, 9th February 2012 from 5.00 p.m. to 6.00 p.m. through Triq Ġirolamu Cassar.

On Friday, 10th February 2012 from 5.00 a.m. onwards through the following streets: it-Teatru l-Qadim, San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, Felič, San Kristofru and Melita.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Frar 2012 mid-9.00 a.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Frar 2012 mit-3.00 p.m. 'il quddiem fil-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

Nhar il-Ġimgħa, l-10 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. u mit-8.30 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Ġirolamu Cassar.

F'każ ta' maltemp it-toroq li ġejjin se jkunu magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt il-11 ta' Frar 2012 jew il-Ħadd it-12 ta' Frar 2012 kif ġej:

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, it-Teatru l-Qadim, Felič, San Kristofru u Melita.

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem fil-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. u mit-8.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Ġirolamu Cassar.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, it-Teatru l-Qadim, Felič, San Kristofru u Melita.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Frar 2012 mis-1.00 p.m. 'il quddiem fil-parkeġġ tal-Bank Ċentrali.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Frar 2012 mill-5.00 p.m. sas-6.00 p.m. u mit-8.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Ġirolamu Cassar.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Frar, 2012

On Friday, 10th February 2012 from 9.00 a.m. onwards through Triq San Pawl.

On Friday, 10th February 2012 from 3.00 p.m. onwards at the Central Bank Parking Area.

On Friday, 10th February 2012 from 5.00 p.m. to 6.00 p.m. and from 8.30 p.m. to 10.30 p.m. through Triq Ġirolamu Cassar.

In case of inclement weather the following streets will be closed to traffic on Saturday 11th February 2012 or Sunday 12th February 2012 as follows:

On Saturday, 11th February 2012 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, it-Teatru l-Qadim, Felič, San Kristofru and Melita.

On Saturday, 11th February 2012 from 1.00 p.m. onwards at the Central Bank Parking Area.

On Saturday, 11th February 2012 from 5.00 p.m. onwards through Triq San Pawl.

On Saturday, 11th February 2012 from 5.00 p.m. to 6.00 p.m. and from 8.00 p.m. to 10.30 p.m. through Triq Ġirolamu Cassar.

On Sunday, 12th February 2012 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: San Pawl, l-Arċisqof, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-Merkanti, San Duminku, it-Teatru l-Qadim, Felič, San Kristofru and Melita.

On Sunday, 12th February 2012 from 1.00 p.m. onwards at the Central Bank Parking Area.

On Sunday, 12th February 2012 from 5.00 p.m. onwards through Triq San Pawl.

On Sunday, 12th February 2012 from 5.00 p.m. to 6.00 p.m. and from 8.00 p.m. to 10.30 p.m. through Triq Ġirolamu Cassar.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

3rd February, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Resident Specialist (General Medicine)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Resident Specialist (General Medicine)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Resident Specialist (General Medicine)* għandu salarju ta' €22,114 fis-sena li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €25,958 (Skala ta' Salarju. 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li taħdem skont roster stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tal-Mediċina fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn il-*Clinical Chairperson*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Resident Specialist (General Medicine) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Resident Specialist (General Medicine) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Resident Specialist (General Medicine) carries a salary of €22,114 per annum rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €25,958 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in the Department of Medicine in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Clinical Chairperson of the

tad-Dipartiment tal-Mediċina u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għall-*inpatients* u *outpatients* ibbażat fl-Isptar Mater Dei. Id-doveri u r-responsabbiltajiet jinkludu:

a) sehem fil-provvediment ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-*inpatients* fl-Isptar Mater Dei u sptarijiet oħra (li jistgħu jinkludu l-Isptar Generali ta' Għawdex).

b) attendenza u tmexxija ta' *ward rounds* u *outpatients clinics* kif jinħtieġ.

c) konsultazzjoni ma' kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni xierqa u kontinwità tal-kura tal-pazjent. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha ma' impjegati oħra (infermiera, tekniċi u impjegati oħra ta' dipartimenti oħra) biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa fuq il-kura tal-pazjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu fehmuhom sewwa.

d) tagħmilha flok il-*Consultant Physician* kif jinħtieġ.

e) sorveljanza tax-xogħol ta' staff mediku fil-gradi anqas minn *Resident Specialist*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, aġġornati u li jinqraw.

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti.

g) kopriment tal-kollegi tagħha f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew xi *leave* ieħor.

h) dikjarazzjoni li trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skont kif ikun meħtieġ għall-kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

i) twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Mediċina u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u Kura fil-Komunità.

5.6. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Department of Medicine and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at Mater Dei Hospital. The main duties and responsibilities include:

a) participating in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at Mater Dei Hospital and other hospitals (which may include Gozo General Hospital).

b) attending and conducting ward rounds and out-patient clinics as required.

c) liaising with colleagues who are on duty immediately before or after care to ensure the necessary communication and continuity in the treatment of the patient. He/She must liaise with other staff (nursing, technical and other staff of other departments) to ensure that necessary information on patient care and investigation required are fully understood.

d) deputizing for the consultant physician as necessary.

e) supervising the work of medical staff below the level of Resident Specialist. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible.

f) liaising with patients' relatives.

g) providing cover for other colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

h) undertaking to be available, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

i) establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Medicine and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5.6. Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

6.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir kif meħtieġ tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

6.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

OR

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii);

OR

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

6.2. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fl-i*Specialist Register* tal-*General Medicine* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-i*Specialist Register* tal-*General Medicine* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training* (CCT) maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta għall-professjoni rilevanti li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għall-ispeċjalità rilevanti; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalista ekwivalenti għas-CCT għall-ispeċjalità rilevanti, li tkun maħruġa mill-Awtorita kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalista fuq kundizzjoni li ma' din tinthemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun rreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-*General Medicine*.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji.

6.3. L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 6.2. (ii) u paragrafu 6.2. (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fl-i*Specialist Register* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

6.4. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 6.2. (iii) (b) u paragrafu 6.2. (iii) (c) hawn fuq, iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training (CCT)* maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta. F'każ ta' diffikultà jintalab il-parir tal-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta.

6.2. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore:

(i) be listed in the Specialist Register of General Medicine kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) be approved for inclusion in the Specialist Register of General Medicine kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) be in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for General Medicine; or

(b) be in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant speciality, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) be in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in General Medicine.

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.3. Successful candidates eligible under paragraph 6.2.(ii) and paragraph 6.2.(iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

6.4. Candidates applying in terms of paragraph 6.2.(iii)(b) and paragraph 6.2.(iii)(c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

Wieħed jista' jara l-*website* tal-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta fuq:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

6.5. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 6.2. (iii) (b) u paragrafu 6.2. (iii) (c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-i*Specialist Accreditation Committee* kif mitlub fil-paragrafu 6.4, għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza mhux aktar tard minn xahar tad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lil kap tad-dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati f'paragrafi 6.1. sa 6.5., għandhom esperjenza rilevanti ppruvata.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min japplika mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

6.5. Candidates who are applying in terms of paragraph 6.2.(iii)(b) or paragraph 6.2.(iii)(c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 6.4, should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

6.6. Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraphs 6.1. to 6.5., have proven relevant work experience.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippeżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-

should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Public Service Commission and the Head of Department

Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6 Sqaq Harper Floriana.

14.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2012

within ten (10) working days from the date of the result in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 24th February 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 24th February 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

14.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

14.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven (7) days.

3rd February, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Resident Specialist (Ophthalmology)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Resident Specialist (Ophthalmology)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Resident Specialist (Ophthalmology)* għandu salarju ta' €22,114 fis-sena li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €25,958 (Skala ta' Salarju. 5).

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated

Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

(http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf)

(http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf)

(https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment)

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Public Service Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of the result in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

(http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf)

(http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf)

(https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment)

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, huma: +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper Floriana.

14.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6 Sqaq Harper Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Resident Specialist (Cardiology)*
fil-Ministeru għas-Saħħa,
l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Resident Specialist (Cardiology)* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Resident Specialist (Cardiology)* għandu salarju ta' €22,114 fis-sena li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €25,958 (Skala ta' Salarju 5).

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) on Friday, 24th February 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 24th February 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources are: +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

14.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

14.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven (7) days.

3rd February 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Resident Specialist (Cardiology)
in the Ministry for Health,
the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Resident Specialist (Cardiology) in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2. The post of Resident Specialist (Cardiology) carries a salary of €22,114 per annum rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €25,958 (Salary Scale 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna maħtura tkun meħtieġa li taħdem skont roster stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna maħtura tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna maħtura titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tgħin lill-*Consultant Cardiologist* fl-imaniġġar ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun taf sewwa l-immaniġġar ta' kuljum tal-pazjenti li jkunu fis-swali, fil-*Coronary Care Unit*, fl-*Out-Patient Department* u fl-*Accident and Emergency Department*.

5.3. Il-persuna nominata trid tgħin fil-proċeduri ta' intervenżti dijanjostiċi u terapewtiċi li jsiru fil-*Catheterisation Laboratory* inkluż id-dħul ta' *pacemakers* permanenti.

5.4. Il-persuna nominata trid taħdem skond roster imfassal skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment. Hi trid tieħu deċiżjonijiet meħtiega dwar l-immaniġġar ta' pazjenti u tirreferi għall-*Consultant on Call* għall-parir kif jinħtieġ u xieraq.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programm ta' taħriġ u tagħlim inkluż dawk għall-istudenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kardjoloġija u li tinvolvi ruħha fi programm kontinwu ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkanizmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn il-*Clinical*

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Cardiologist in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be fully conversant with the acute and day to day management of Cardiac patients seen in the Wards, Coronary Care Unit, Out-Patient Department and Accident and Emergency Department.

5.3. The appointee will assist in the various interventional diagnostic and therapeutic procedures carried out in the Catheterisation Laboratory including the insertion of permanent pacemakers.

5.4. The appointee will perform duties according to a roster tailored to the needs of the Department. He/She will take the necessary decisions concerning the management of patients and will refer to the 'Consultant on Call' for advice as necessary and appropriate.

5.5. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Cardiology and to involve himeself/herself in on-going research programmes.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.7. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Clinical Chairperson of the

Chairperson tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

5.9. Dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

6.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema;

JEW

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq;

JEW

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir kif meħtieġ tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Department of Cardiac Services and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

5.9. Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

6.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta; or

OR

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers;

OR

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (iii);

OR

(v) third country nationals who have been granted long term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

6.2. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ukoll:

(i) ikollhom isimhom imniżżel fl-i*Specialist Register* tal-*Cardiology* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(ii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fl-i*Specialist Register* tal-*Cardiology* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

(iii) (a) ikollhom *Certificate of Completion of Training* (CCT) maħruġ mill-*iSpecialist Accreditation Committee* ta' Malta għall-professjoni rilevanti li jindika li l-applikant temm it-taħriġ speċjalizzat li jista' jkun preskritt għall-ispeċjalità rilevanti; jew

(b) ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCT għall-ispeċjalità rilevanti, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

(c) ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalista fuq kundizzjoni li ma din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza miksuba huma suffiċjenti sabiex tabib ikun rreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalista fil-*Cardiology*.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-'*Service and Leave Record Form'* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji.

6.3. L-applikanti magħżula li jkunu eliġibbli taħt paragrafu 6.2. (ii) u paragrafu 6.2. (iii) hawn fuq iridu jkunu mniżżlin fl-i*Specialist Register* miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

6.4. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it termini ta' paragrafu 6.2. (iii) (b) u paragrafu 6.2. (iii) (c) hawn fuq, iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-i*Specialist*

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

6.2. By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore:

(i) be listed in the Specialist Register of Cardiology kept by the Medical Council of Malta; or

(ii) be approved for inclusion in the Specialist Register of Cardiology kept by the Medical Council of Malta; or

(iii) (a) be in possession of a certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Cardiology; or

(b) be in possession of a specialist qualification equivalent to the CCT for the relevant speciality, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part Ib of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

(c) be in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Cardiology.

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.3. Successful candidates eligible under paragraph 6.2.(ii) and paragraph 6.2.(iii) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta before appointment.

6.4. Candidates applying in terms of paragraph 6.2.(iii)(b) and paragraph 6.2.(iii)(c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of

Accreditation Committee ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki miksuba jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għas-*Certificate of Completion of Training* (CCT) maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta. F'każ ta' diffikultà ghandu jintalab il-parir tal-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta.

Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of training (CCT) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

Il-*website* tal-*iSpecialist Accreditation Committee* ta' Malta jista' jiġi kkonsultat fuq:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at:

(https://ehealth.gov.mt/healthportal/others/regulatory_councils/medical_specialists_accreditat/med_specialists_accreditation.aspx).

6.5. Dawk il-kandidati li japplikaw skont it termini ta' paragrafu 6.2. (iii) (b) u paragrafu 6.2. (iii) (c), u li jkunu jridu jippreżentaw dikjarazzjoni mill-*iSpecialist Accreditation Committee* kif mitlub fil-paragrafu 6.4, għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li ma jkunux fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissotomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u f'ebda ċirkustanza mhux aktar tard minn xahar tad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għall-raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lil kap tad-dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għall-estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu, għandhom jiġu sottomessi għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.5. Candidates who are applying in terms of paragraph 6.2.(iii)(b) or paragraph 6.2.(iii)(c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 6.4, should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and, in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

6.6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiziti stipulati f'paragrafi 6.1. sa 6.5., għandhom esperjenza rilevanti ppruvata.

6.6. Due consideration will be given to applicants who, in addition to satisfying the requirements in paragraphs 6.1. to 6.5., have proven relevant work experience.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry of Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach

il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Frar, 2012 .

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) filwaqt li n-numri tal-*fax* tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14.1 Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) 6, Sqaq Harper, Floriana.

14.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunita) 6 Sqaq Harper, Floriana jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2012

the Public Service Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of the result in the Government Gazette.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/others/downloads/forms.aspx#recruitment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) on Friday, 24th February, 2012.

13. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 24th February 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt) while the fax numbers of the Directorate of Human Resources are +356 – 2122 6285 and +356 - 2123 5890.

14.1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

14.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Directorate Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) 6, Harper Lane, Floriana within seven (7) days.

3rd February, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U L-AFFARIJIET RURALI

Sejħa għall-Uffiċjali fuq id-Dgħajjes b'kuntratt

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jgħarraf illi jilqa' applikazzjonijiet għal 'Uffiċjali fuq id-Dgħajjes' b'kuntratt biex jassigura l-implementazzjoni tal-pjan għall-Irkupru tat-Tonn: Regolament tal-Kunsill 302/2009.

Numru ta' uffiċjali huma meħtieġa li jkunu abbord parti mid-dgħajjes tal-konz (itwal minn 15-il metru) u abbord il-bastimenti tal-irmonk matul kull sajda tagħhom fl-istaġun tas-sajd tat-tonn 2012.

L-uffiċjal ikun mitlub jiġbor informazzjoni fuq l-operazzjoni u jimla l-formoli apposta sabiex jiġu annessi mad-Dokumenti tal-*ICCAT (Bluefin Tuna Catch Document)* maħruġa mid-Direttorat tal-Kontroll tas-Sajd.

Id-dmirijiet tal-uffiċjal huma li:

a) jissorvelja l-konformità tal-bastiment tal-qbid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT,

b) jirreġistra u jirrapporta dwar l-attività tas-sajd, li trid tinkludi fost oħrajn, dawn li ġejjin:
dettalji tal-kampjun, abbażi tat-tul u l-piż, u s-sess,
l-ammont tal-qabda (inkluż *by-catch),* li tinkludi wkoll id-dispożizzjoni tal-ispeċi, bħal dawk miżmuma abbord jew mormija mejtin jew ħajjin,
żona tal-qabda bil-latitudni u lonġitudni,
miżura ta' sforz (eż., numru ta' settijiet, numru ta' ganċijiet, eċċ), kif definit fil-Manwal tal-ICCAT għal irkapti differenti.
id-data tal-qabda,

ċ) josserva u jistma qabdiet u jivverifika d-dettalji mniżżla fil-ġurnal ta' abbord,

d) jinnota u jirreġistra l-bastimenti li jistgħu jkunu qed jistadu kontra l-miżuri ta' konservazzjoni ICCAT.

Barra minn hekk, l-osservatur għandu jagħmel xogħol xjentifiku, bħal ġbir ta' *data* dwar *Task II,* meta meħtieġ mill-Kummissjoni, ibbażat fuq l-istruzzjonijiet mill-SCRS.

L-informazzjoni kollha miġbura għandha tkun konformi mal-pjan ta' rkupru għat-Tonn u regolamenti tal-UE.

L-uffiċjali ser jitħallsu bir-rata ta' €100 kull jum (ekwivalenti għal 24 siegħa), inkluż il-VAT meta fuq il-baħar.

L-uffiċjali jridu jkunu koperti minn polza ta' assigurazzjoni għall-ħajja li speċifikament tagħraf dan ix-

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Call for Observers On-Board on contract

The Ministry for Resources and Rural Affairs is receiving applications for the services of 'Observers On-Board' on contract in order to oversee to the implementation of the Bluefin Tuna Recovery Plan Measures: Council Regulation 302/2009.

A number of observers will be required to be on board part of the active Bluefin Tuna Longline Vessels over 15m and on board Towing Vessels during all their activities carried out in 2012.

The observer will be required to collect information on the operation and fill in the appropriate forms to be attached to the ICCAT Bluefin Tuna Catch Document issued by the Fisheries Control Directorate.

The observers' tasks shall be to:

a) monitor a catching vessel in compliance with the active ICCAT recommendation,

b) record and report upon the fishing activity, which shall include, amongst others, the following:
details of size sample, on the basis of length and weight, and sex,
amount of catch (including by-catch), that also includes species disposition, such as retained on board or discarded dead or alive,
area of catch by latitude and longitude,
measure of effort (e.g., number of sets, number of hooks, etc.), as defined in the ICCAT Manual for different gears.
date of catch,

c) observe and estimate catches and verify entries made in the logbook,

d) sight and record vessels that may be fishing contrary to ICCAT conservation measures.

In addition, the observer shall carry out scientific work, such as collecting Task II data, when required by the Commission, based on the instructions from the SCRS.

All information collected has to be in line with the Bluefin Tuna recovery plan and EU regulations.

The observers will be paid a daily rate (equivalent to 24 hours) of €100 including VAT when onboard.

The contracted observers have to be personally covered with a life insurance that specifically takes cognizance of

xogħol u r-riskji tiegħu u għandhom ikunu liebsa skont l-i*standards* tas-Saħħa u Sigurtà.

Kull min hu interessat għandu jiġbor applikazzjoni mingħand id-Direttur (Kontroll tas-Sajd), Xatt il-Barrieri, Il-Belt Valletta Attn: Is-Sur Clayton Buttigieg.

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mid-Direttur (Kontroll tas-Sajd), Xatt il-Barrieri, Il-Belt Valletta Attn: Is-Sur Clayton Buttigieg bejn it-Tnejn, 6 ta' Frar sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 24 ta' Frar, 2012.

It-3 ta' Frar, 2012

the job and the related risks and should be duly equipped in accordance with Health and Safety standards.

Interested Parties are requested to obtain an application from the Director (Fisheries Control), Xatt il-Barrieri, Valletta. Attn: Mr Clayton Buttigieg.

Applications will be received by the Director (Fisheries Control), Xatt il-Barrieri, Valletta, Attn: Mr Clayton Buttigieg from Monday, 6th February up to noon on Friday, 24th February, 2012.

3rd February, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U L-AFFARIJIET RURALI

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Agricultural Officer* fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-People Management and Support Services, Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Frar, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Post of Agricultural Officer in the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be seen on the main notice board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

3rd February, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Riżultati ta' Intervisti għall-Post/Pożizzjoni fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, jgħarraf illi r-riżultati tal-intervisti għall-post/pożizzjoni msemmija hawn fuq ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management and Support Services,* Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-post/pożizzjoni huma dawn li ġejjin:
Post ta' *Junior Legal Officer/Legal Officer*
Pożizzjoni ta' *Project Manager for the Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding,* fid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali u Akkwakultura

It-3 ta' Frar, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

Results of Interviews for the Post/Position within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry for Resources and Rural Affairs, notifies that the results of the interviews for the undermentioned post/position have been published and can be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The post/position are the following:
Post of Junior Legal Officer/Legal Officer
Position of Project Manager for the Information and Communications Campaign for the Proper Use and Management of Nitrates in Agriculture and Livestock Breeding, in the Rural Development and Aquaculture Department

3rd February, 2012

MINISTERU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA, NEGOZJI ŻGĦAR U L-KONSUMATUR

Riżultati tal-Intervisti għall-Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Dipartiment Proprjetà tal-Gvern) jgħarraf li r-riżultati tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġew ippubblikati u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-boards* fid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Frar, 2012

MINISTRY FOR FAIR COMPETITION, SMALL BUSINESS AND CONSUMERS

Results of Interviews for the Post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Government Property Department

The Director General (Government Property Department) notifies that the results of the interviews for the above-mentioned post have been published and can be viewed on the notice-boards at the Government Property Department, Auberge de Baviere, Valletta and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

3rd February, 2012

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tgħarraf li, skont it-termini tal-liċenzja għall-operat maħruġa lilha mill-Awtorità tar-Riżorsi ta' Malta biex tissupplixxi ilma mis-sistema ta' distribuzzjoni pubblika u biex tipprovdi servizzi ta' drenaġġ permezz tas-sistema pubblika tad-drenaġġ, qed tniedi l-Kuntratt mal-Konsumatur. Dan il-kuntratt bejn il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Konsumatur jipprovdi informazzjoni ċara kemm fuq id-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet, sew tal-Korporazzjoni kif ukoll tal-Konsumatur. Il-Kuntratt jipprovdi wkoll termini li taħthom il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tipprovdi servizzi tal-ilma u d-drenaġġ.

